MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Kompetenza Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-1 ta' Lulju, 2020

Appell Inferjuri Numru 83/2019 LM

**Roderick Azzopardi (4186G)**
*(l-appellant)*

***vs.***

**Malta Public Transport Services (Operations) Limited (C 48875)**
*(l-appellata)*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Roderick Azzopardi** (K.I. 4186G), hawnhekk "l-appelant", mid-deċiżjoni mogħtija fis-6 ta' Novembru, 2019 (minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni appellata") mit-Tribunal Industrijali

(minn issa 'l quddiem "it-Tribunal"), li permezz tagħha t-Tribunal iddeċieda illi jiċħad it-talbiet tar-rikorrent, fejn dan kien talab lit-Tribunal jiddikjara li huwa ġie ttrattat b'mod inġust u li kien hemm terminazzjoni inġusta tal-impjieg tiegħu mas-soċjetà intimata **Malta Public Transport Services (Operations) Limited** (C 48875), hawnhekk l-appellata, kif ukoll li huwa kien imġiegħel u kostrett li jirriżenja mill-impjieg. Ir-rikorrent talab li jingħata rimedju neċessarju sabiex din l-azzjoni inġusta tiġi rimedjata u jiġi likwidat kumpens ġust fil-konfront tiegħu.

**<u>Fatti</u>**

2. Ir-rikorrent istitwixxa proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali fejn talab li jiġi ddikjarat li huwa ġie ttrattat b'mod inġust mis-soċjetà intimata, u li kien hemm terminazzjoni inġusta tal-impjieg tiegħu, *constructive dismissal,* jiġifieri sitwazzjoni fejn huwa ġie mġiegħel u kostrett li jirriżenja mill-impjieg kontra r-rieda tiegħu. Ir-rikorrent talab lit-Tribunal joħroġ kull ordni jew rimedju ieħor neċessarju sabiex tiġi rimedjata din l-azzjoni, skont hu inġusta, kif ukoll talab li t-Tribunal jillikwida l-kumpens favur tiegħu. L-attur kien ilu jaħdem bħala xufier mas-soċjetà intimata mill-10 ta' Ottubru, 2012, b'kuntratt ta' impjieg għal perijodu indefinit. Huwa qal li qatt ma kellu problemi fuq ix-xogħol u lanqas qatt ma wera l-intenzjoni li jirriżenja mill-impjieg, sakemm darba minnhom tah *epileptic fit* fuq il-post tax-xogħol, u sussegwentement ingħata parir mit-tobba li kkurawh li ma jibqax isuq karozzi tal-linja sabiex ma

jpoġġix fil-periklu ħajtu u ħajjet il-passiġġieri. L-attur avviċina lill-*union* tiegħu, li għamlet talba f'ismu mas-soċjetà intimata sabiex jinstab impjieg alternattiv għar-rikorrent, iżda s-soċjetà intimata ma offrietlu ebda impjieg alternattiv. Wara li r-rikorrent ħa s-*sick leave* kollu li kien intitolat għalih, u xi ġranet ta' *sick leave* addizzjonali oħra li ngħatawlu mis-soċjetà intimata, huwa kien spiċċa f'sitwazzjoni fejn ma kellu l-ebda introjtu. Huwa kellu familja xi jmantni, u kien għalhekk li meta beda għaddej iż-żmien u ma ġie offrut l-ebda impjieg alternattiv, huwa kien irriżenja mill-impjieg li kellu mas-soċjetà intimata.

**<u>Mertu</u>**

3. Ir-rikorrent isostni li r-riżenja tiegħu mill-impjieg li kellu mas-soċjetà intimata tammonta għal *constructive dismissal,* għaliex huwa kien imġiegħel jirriżenja mill-impjieg mingħajr ebda raġuni valida, u minħabba fil-mod kif ġie ttrattat mis-soċjetà intimata li huwa kien impjegat magħha. Ir-rikorrent, li kien ilu jaħdem bħala xufier mas-soċjetà intimata mis-sena 2012, kien kostrett jitlaq mill-impjieg wara li fis-sena 2016 kien beda jbati minn *epileptic fits* u t-tobba li kienu qegħdin jikkurawh kienu ċċertifikaw li huwa ma setax isuq għal żmien twil. Ir-rikorrent avviċina lill-*union* tiegħu, il-General Workers Union, li talbet li jinstab xogħol alternattiv għar-rikorrent mal-istess soċjetà intimata, imma r-rikorrent kien ġie infurmat li s-soċjetà intimata ma kellha l-ebda impjieg alternattiv x'toffrilu. Ir-rikorrent jgħid li meta huwa għamel aktar minn sitt xhur mingħajr paga, wara li kien eżawrixxa s-*sick leave* kollu li kien intitolat

għalih, huwa kien iddeċieda li jittermina l-impjieg li kellu mas-soċjetà intimata, anki għaliex matul dawn ix-xhur kollha huwa ma kellu introjtu ta’ xejn. Għadd ta’ persuni li xehdu quddiem it-Tribunal, ikkonfermaw li kien hemm diversi *vacancies* mas-soċjetà intimata li kienu mtlew minn persuni li applikaw għalihom, f’każ minnhom minn persuna Maltija li telgħet taħdem Għawdex.

4. Is-soċjetà intimata fir-risposta tagħha eċċepiet li meta r-rikorrent kien talabha titterminalu l-impjieg tiegħu, hija kienet irrispondietu permezz ta’ *termination letter,* fejn huwa ġie infurmat li kien ser jitħallas is-salarju kollu li kien dovut lilu, bil-kundizzjoni li jirrinunzja għall-pretensjonijiet kollha futuri li jista’ jkollu fil-konfront tal-intimata. Is-soċjetà intimata eċċepiet li r-riżenja tar-rikorrent kienet waħda totalment volontarja, u li r-rikorrent ma setax jibqa’ jaħdem bħala xufier wara li fi Frar tal-2016 kien tah *epileptic fit* u kien ingħata l-parir mediku li ma jibqax isuq karozzi tal-linja minħabba li seta’ jipperikola ħajtu u ħajjet il-passiġġieri. Is-soċjetà intimata qalet li minkejja li r-rikorrent talab li jingħata xogħol alternattiv, huwa kien ġie infurmat mis-soċjetà intimata li ma kienx hemm xogħol alternattiv għalih, u r-rikorrent irriżenja mill-impjieg meta sab li ma setax jibqa’ jagħmel l-uniku xogħol li seta’ jiġi assenjat lilu, jiġifieri dak ta’ xufier. Is-soċjetà intimata qalet li anki wara li r-rikorrent irriżenja mill-impjieg, hija xorta waħda baqgħet disposta li taċċettah lura fuq il-kotba tagħha, f’każ li huwa jkun jista’ jerġa’ jaħdem bħala xufier. Qalet ukoll li ma jkunx ġust li jitqies li kien hemm tkeċċija inġusta tar-rikorrent mill-post tax-xogħol, għaliex biex ikun hemm *constructive dismissal,* jew terminazzjoni forzata, irid jiġi ppruvat li l-prinċipal naqas mill-obbligi tiegħu kif stipulati fil-

kuntratt ta' impjieg. Qalet ukoll li hija ma kellha l-ebda obbligu wiesgħa u ġenerali li tagħti xogħol ieħor lir-rikorrent, partikolarment għaliex f'Għawdex hija timpjega biss mal-ħamsa u erbgħin (45) persuna, u hija ma kellha l-ebda obbligu li tivvinta xi kariga li qatt ma eżistiet qabel sabiex takkomoda lir-rikorrent. L-intimata qalet ukoll li minkejja li hija kienet talbet lir-rikorrent jispeċifika x'xogħol alternattiv huwa kien dispost li jagħmel, hija baqgħet ma ngħatat l-ebda risposta. Ġie eċċepit ukoll li l-attur baqa' ma ressaq l-ebda ilment jew *grievance* dwar il-fatt li huwa baqa' ma ngħatax xogħol alternattiv, skont il-ftehim kollettiv li jirregola lix-xufiera impjegati mas-soċjetà intimata, u minflok ir-rikorrent qabad u rriżenja mill-impjieg li kellu.

5. It-Tribunal ikkunsidra l-provi li tressqu quddiemu, inkluż provi dokumentarji. Għadd ta' ħaddiema li kienu impjegati mas-soċjetà intimata u li rriżenjaw mill-impjieg, qalu li fuq il-post tax-xogħol kienu jaraw ħafna diskriminazzjoni u allegaw li l-persuna inkarigata mir-riżorsi umani f'Għawdex kienet tagħti trattament preferenzjali lil xi ħaddiema, filwaqt li din l-istess persuna kienet talloka x-xiftijiet skabrużi lil ħaddiema oħrajn, fosthom lir-rikorrent. Ir-rikorrent allega li l-*epileptic fit* jista' jkun li tah minħabba fis-sitwazzjonijiet stressanti li kien jiffaċċja fuq il-post tax-xogħol, fosthom il-ħinijiet twal li ried jaħdem, għalkemm qal li huwa qatt ma ried jitlaq jew jirriżenja minn dan l-impjieg. Mart ir-rikorrent, Williana Azzopardi xehdet li minkejja li l-*union* li kien imsieħeb magħha żewġha kienet talbet impjieg alternattiv għalih, l-ebda xogħol alternattiv ma ġie offrut lir-rikorrent, li

għalhekk ma kellu l-ebda alternattiva għajr li jitlaq mix-xogħol anki għaliex għal għadd ta' xhur huwa ma kellu dħul ta' xejn. Mart ir-rikorrent qalet li indirettament żewġha tkeċċa mix-xogħol minħabba fil-mod kif ġie ttrattat mis-soċjetà intimata. It-Tribunal sema' x-xhieda ta' Dr Victor Curmi, it-tabib li kkura lir-rikorrent meta ddaħħal fl-Isptar t'Għawdex, li qal li r-rikorrent seta' beda jsofri mill-*epileptic fits* minħabba fl-istress li kien għaddej minnu fuq il-post tax-xogħol. Dan ix-xhud ikkonferma li kien huwa li ta parir lir-rikorrent jieqaf isuq il-karozza tal-linja, u spjega li għad li r-rikorrent kien qiegħed jieħu trattament għall-kundizzjoni medika li żviluppa, dan baqa' jbati mill-*fits.* Sandro Vella, rappreżentant tal-ħaddiema membri tal-General Workers Union spjega li huwa kien għamel talba sabiex ir-rikorrent jingħata impjieg alternattiv mas-soċjetà intimata, u dan sabiex ma jispiċċax mingħajr salarju. Rappreżentanti tas-soċjetà intimata wkoll taw id-depożizzjoni tagħhom quddiem it-Tribunal, fosthom Roderick Bajada, li qal li f'Għawdex, is-soċjetà intimata għandha biss ħamsa u erbgħin (45) impjegat, u għalhekk kien ferm diffiċli għaliha biex tidentifika xogħol alternattiv li seta' jsir mir-rikorrent. Dan ix-xhud qal li filwaqt li s-soċjetà intimata għandha l-obbligu li tipprovdi *a safe and reliable transport system,* min-naħa l-oħra kellha l-parir mediku tat-tobba kuranti tar-rikorrent li tawh parir jieqaf isuq il-karozza tal-linja. Dan ix-xhud qal li s-soċjetà intimata kienet tat ħamest ijiem *sick leave* żejda lir-rikorrent, u wara xi żmien dan kien infurmahom li ma xtaqx jibqa' fl-impjieg mas-soċjetà intimata. Quddiem it-Tribunal ittellgħu jixhdu wkoll għadd ta' persuni li applikaw u ngħataw promozzjonijiet li ġew ippubblikati mis-soċjetà intimata f'Għawdex stess,

fosthom ċertu Stefan Scicluna li qal li kien jaħdem bħala *despatcher* f'Malta u li ngħata promozzjoni u mela *vacancy* f'Għawdex. Cleaven Scicluna, li ukoll kien jaħdem bħala xufier mas-soċjetà intimata, u li kien tkeċċa wara li nstab li kien eċċeda l-limiti tal-veloċità, qal li l-persuna inkarigata mill-operat tas-soċjetà intimata f'Għawdex, ċertu Godfrey Attard, kien jiddiskrimina mal-ħaddiema. Margaret Formosa, rappreżentanta tal-General Workers Union xehdet li minkejja li min-naħa tal-*union* kienu jsiru diversi rappreżentazzjonijiet f'isem ir-rikorrent sabiex jinstab xogħol alternattiv għalih, u minkejja li s-soċjetà intimata kienet tgħid u twiegħed li s-sitwazzjoni tar-rikorrent kienet ser titranġa, baqgħet ma saret l-ebda offerta ta' impjieg alternattiv lir-rikorrent. Min-naħa tiegħu r-rikorrent ikkonferma li huwa qatt m'għamel talba formali mas-soċjetà intimata sabiex jingħata impjieg alternattiv, u t-talba f'ismu kienet saret mill-*union* tiegħu.

## Id-deċiżjoni appellata

6. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fis-6 ta' Novembru, 2019, it-Tribunal Industrijali ddeċieda l-vertenza li kellu quddiemu billi ċaħad it-talbiet tar-rikorrent, u dan wara li saru s-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"It-Tribunal jinnota li ma kienx hemm diverġenza bejn il-partijiet dwar il-fatti tal-każ. Il-partijiet qablu li r-rikorrent kien impjegat bħala xufier u meta beda jsofri bl-*epilepsy *dan ma kienx f'sitwazzjoni fejn seta' jkompli jsuq il-karozzi tal-linja u għaldaqstant wara li ġie eżawrit is-*sick leave *huwa ingħata ħamest ijiem* special leave *imbagħad kien fuq* unpaid leave*. Ir-rikorrent talab li jingħata xogħol*

*alternattiv u l-kumpannija insistiet li minħabba li l-operat f'Għawdex kien wieħed żgħir ma kienx hemm vakanzi għalih. U hawnhekk fejn il-partijiet ma bdewx jaqblu bejniethom, bir-rikorrenti jinsisti li vakanzi kien hemm u l-kumpannija missha infurmatu b'dan u l-kumpannija ssostni illi vakanzi kien hemm u meta kien hemm kien hemm* notice *fuq* notice board *u missu applika. Ir-rikorrent qal li spiċċa kellu jirriżenja meta għaddew kważi sitt xhur u baqa' ma ngħatax xogħol. Ir-rikorrent saħaq li r-riżenja tiegħu kienet waħda furzata minħabba l-mod ta' kif ġie trattat mill-kumpannija u għaldaqstant tammonta għal* constructive dismissal*.*

*Iż-żewġ partijiet daħlu fid-dettall dwar* constructive dismissal *u kkwotaw ġurisprudenza Maltija u Ingliża dwar liema elementi jwasslu għal* constructive dismissal*.* Constructive dismissal *jissussisti meta l-azzjoni u/jew l-omissjoni ta' min iħaddem tikkrea ambjent tant diżmali u mhux aċċettabbli li l-impjegat ma jkollu l-ebda triq oħra ħlief li jirriżenja. Skont ir-rikorrent il-fatt illi huwa ma ġiex offrut xogħol alternattiv u skont ix-xhieda li ġiet ippreżentata meta kien hemm xufier ieħor li ma setax isuq minħabba raġuni ta' saħħa huwa Godfrey Attard, il-manager f'Għawdex kien immedjatament tah xogħol ieħor bħala* despatcher*, a kuntrarju tar-rikorrent li għamel sitt xhur jistenna sakemm irriżenja.*

*Fil-fehma ta' dan it-Tribunal, ir-rikorrent ma kellux tort meta irriżenja tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha ta' kif ġraw l-affarijiet, u ċioe li huwa kellu familja xi jmantni u kien qiegħed mingħajr introjtu u l-kumpannija qatt ma uriet rieda li b'xi mod tgħin b'xogħol alternattiv.*

*Madanakollu t-Tribunal kien fid-dmir li jidħol fil-mertu dwar jekk ir-riżenja fil-fatt taqax fid-definizzjoni ta' '*constructive dismissal*'. Selwyn jgħid is-segwenti dwar* constructive dismissal: "Where the employee himself terminates the contract, with or without notice, in circumstances where he is entitled to terminate it without notice by reason of the employer's conduct: this is known as 'constructive dismissal' for although the employee resigns, it is the employer's conduct which constitutes a repudiation of the contract, and the employee accepts that repudiation by resigning. The employee must clearly indicate that he is treating the contract as having been repudiated by the employer (**Logabox Ltd *vs* Titherley)**, and if he fails to do so, by word or by conduct, he is not entitled to claim that he has been constructively dismissed (**Holland *vs* Glendale Industries Ltd.)**." *Jekk wieħed jara l-fatti tal-każ fid-dawl ta' din id-definizzjoni u t-test użat fil-ġurisprudenza nostrana element wieħed importanti, u ċioe dak fejn l-impjegat jirriżenja "*under protest*" kien*

*nieqes għaliex meta r-rikorrent bagħat ir-riżenja tiegħu huwa qal li qed jagħmel dan* 'for medical reasons'. *Għalkemm fil-fehma tat-Tribunal, il-kumpannija segħet stinkat aktar sabiex tgħin lir-rikorrent isib xogħol alternattiv, per eżempju setgħet infurmatu meta kien hemm vakanzi u b'hekk tagħtu opportunità sabiex japplika ħal dawn il-vakanzi. Bl-aġir tagħha l-kumpannija ħalliet lir-rikorrent għar-riħu, però dan mhux biżżejjed sabiex wieħed jiddeċiedi illi r-riżenja tar-rikorrent każ ta'* constructive dismissal. *It-Tribunal jirrimarka wkoll illi r-rikorrent qatt ma uża l-mekkaniżmu ta'* grievance *li huwa dritt tiegħu*, kif inhu ta' kull impjegat, *taħt il-ftehim kollettiv ukoll iwassal lit-Tribunal li jgħid li ċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ ma jwasslux sabiex jiġu sodisfatti l-elementi fid-definizzjoni ta'* constructive dismissal.

*Fir-rigward tal-asserzjoni tar-rikorrent li l-kumpannija kienet obbligata tagħti xogħol alternattiv lir-rikorrent a bażi tal-obbligu ta' akkomodazzjoni raġonevoli s-soċjetà fis-sottomissjonijiet finali tagħha rreferiet għall-fatt illi fir-rikors promutur, it-talba tar-rikorrent lit-Tribunal kienet li jiddikjara illi huwa ġie ttrattat b'mod inġust u għalhekk kien hemm terminazzjoni inġusta tal-impjieg tiegħu u kien imġiegħel u kostrett jirriżenja (*constructive dismissal), *li toħroġ kull ordni u/jew rimedju neċessarju sabiex jiġi rimedjat din l-azzjoni inġusta u jillikwida kumpens ġust, u dan b'riserva għal kwalunkwe dritt li r-rikorrent huwa intitolat jieħu quddiem awtoritajiet kompetenti. Minħabba li fir-rikors promutur ma kien hemm l-ebda talba sabiex it-Tribunal jiddeċiedi fuq diskriminazzjoni a bażi ta' diżabilità, it-Tribunal mhuwiex ser jidħol fil-mertu ta' akkomodazzjoni raġonevoli.*

***<u>Deċiżjoni</u>***

*It-Tribunal wara li eżamina x-xhieda kollha u t-trattazzjonijiet finali taż-żewġ partijiet, qed jiddeċiedi kif ġej:*

*Fil-fehma tat-Tribunal ma jissussistux l-elementi neċessarji sabiex ir-riżenja tar-rikorrent tikkostitwixxi* constructive dismissal *u għaldaqstant ma jilqax it-talbiet tar-rikorrent."*

## L-Appell

7. L-attur ippreżenta l-appell tiegħu fit-18 ta' Novembru 2019, fejn talab lil din il-Qorti sabiex:

> *"... tilqa' l-appell tiegħu interpost u tirrevoka u tħassar is-sentenza tat-Tribunal Industrijali, mogħtija fis-6 ta' Novembru, 2019, għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija, u jekk tħossha opportuna, tilqa' t-talbiet tar-rikors tal-esponenti, u toħroġ kull ordni sabiex tiġi rimedjata din l-azzjoni inġusta u jiġi likwidat kumpens ġust.*
>
> *Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjetà appellata."*

L-appellant jgħid li jħoss ruħhu aggravat bid-deċiżjoni tat-Tribunal għaliex: (1) l-element ta' riżenja *under protest* mhux wieħed neċessarju għal *constructive dismissal*; (2) mill-imġiba tal-appellant kellu jiġi dedott li huwa rriżenja *under protest*, għaliex ir-riżenja tiegħu kienet waħda sfurzata għal raġunijiet imputabbli lill-appellanta.

8. L-appellant jgħid li jħoss ruħu aggravat bid-deċiżjoni appellata għaliex bil-konklużjoni li wasal għaliha t-Tribunal, dan implika li huwa kellu jirriżenja *under protest,* u dan skont id-definizzjoni tal-awtur Selwyn iċċitata mit-Tribunal fid-deċiżjoni tiegħu. L-appellant jgħid li l-element ta' riżenja *under protest* mhux wieħed neċessarju, u jagħmel riferiment għal deċiżjonijiet tal-Qrati Ingliżi li jgħidu li biex ikun hemm *constructive dismissal* huwa biżżejjed li jkun hemm ksur tar-rapport ta' fiduċja li suppost ikun hemm bejn l-impjegat u l-prinċipal, minħabba fi ksur tal-kuntratt da parti tal-prinċipal. Hija l-imġiba tal-

prinċipal li twassal lill-impjegat jikkonsidra li jitlaq mill-impjieg għaliex min iħaddmu jurih li ma jridx jonora l-kuntratt ta' impjieg li jirregola r-relazzjoni ta' bejniethom. L-appellant jinsisti li anki l-Qrati Maltin jenfasizzaw il-punt li meta persuna tallega li kien hemm *constructive dismissal,* hija tagħmel dan għaliex li tkun inġiebet daharha mal-ħajt u ma kellhiex triq oħra ħlief li titlaq mill-impjieg. L-appellant qal li t-talba tiegħu sabiex jiġi dikjarat li kien hemm *constructive dismissal* kellha tiġi milqugħha għaliex mill-provi jirriżulta li huwa nġieb dahru mal-ħajt meta spiċċa mingħajr introjtu għad illi kellu familja xi jmantni.

9. L-appellant qal li huwa għamel sitt xhur mingħajr ebda forma ta' introjtu, u għalhekk ma kellux għażla oħra ħlief li jirriżenja. Żied jgħid li kieku ma rriżenjax, huwa kien ikun kostrett jibqa' taħt l-kundizzjonijiet imposti fuqu mis-soċjetà appellata, kif ukoll mingħajr introjtu finanzjarju. L-appellant jgħid li t-Tribunal naqas milli jikkunsidra l-imġiba tal-appellant, għaliex li kieku kkunsidraha kellu jasal għall-konklużjoni li r-riżenja tal-appellant saret *under protest.*

**<u>Ir-risposta tal-appell</u>**

10. Is-soċjetà appellata min-naħa tagħha qed tilqa' billi tgħid li d-deċiżjoni appellata hija waħda ġusta u għalhekk timmerita konferma għal dawk ir-raġunijiet li hija jispjega fir-risposta tagħha. Is-soċjetà intimata tgħid li fil-

qasam tal-liġi industrijali u l-liġijiet tax-xogħol, kull meta l-Qrati tagħna jiltaqgħu ma' inċertezza jew *lacuna,* dejjem isir riferiment għall-ġurisprudenza u l-liġi Ingliża fir-rigward. Intqal li filwaqt li l-kunċett ta' *constructive dismissal* mhux kunċett ġdid fil-liġi tagħna, tul is-snin il-Qrati tagħna taw l-interpretazzjoni tagħhom, u kkwotaw deċiżjonijiet fejn intqal li *constructive dismissal* jammonta għal riżenja minn impjieg għal raġunijiet li jaħti għalihom il-prinċipal. Deċiżjonijiet oħra tal-Qrati tagħna qalu li *constructive dismissal* hija sitwazzjoni fejn l-impjegat jitqiegħed f'pożizzjoni li ma jitħalliex jaħdem għaliex ma jkunx jista' jwettaq sewwa x-xogħol li jkollu jagħmel, u għalhekk ma jkunx jiflaħ aktar għal dawn il-pressjonijiet tax-xogħol. Is-soċjetà appellata għamlet riferiment għal deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna fejn intqal li każijiet ta' *constructive dismissal* huma każ klassiku ta' tkeċċija li minn barra tkun tidher bħala riżenja.[1] Is-soċjetà appellata wieġbet li l-ġurisprudenza Ingliża tistabbilixxi wkoll dak li jissejjaħ '*contract test'* fejn min iħaddem juri li huwa ma jkollu l-ebda intenzjoni li jibqa' josserva l-kundizzjonijiet fil-kuntratt tal-impjieg. Is-soċjetà appellata tgħid ukoll li xi Qrati Ingliżi jistabbilixxu wkoll ir-*reasonableness test,* fejn apparti ksur tal-kundizzjonijiet tal-kuntratt, jista' jkun hemm ukoll aġir ta' min iħaddem li jwassal biex impjegat jiġi imbuttat 'il barra mill-post tax-xogħol. Tgħid li wara li kkonsidra dawn l-elementi kollha, it-Tribunal qies li ma kienx hemm biżżejjed elementi biex jiġi stabbilit li kien hemm il-*constructive dismissal* tal-appellant mill-impjieg li dan kellu mas-soċjetà intimata. Is-soċjetà appellata tgħid li kuntrarjament għal dak allegat

[1] Lorenza Cascun *vs.* Healthcare Services Limited, P.A., 06.03.2008.

mill-appellant, biex jiġi stabbilit li kien hemm *constructive dismissal,* min jirriżenja mill-impjieg irid jagħmilha ċara li qiegħed jagħmel dan minħabba n-nuqqas tal-prinċipal. Is-soċjetà appellata tgħid li mix-xhieda u mid-dokumentazzjoni ppreżentata mill-appellant, għandu jirriżulta li r-riżenja tiegħu kienet waħda libera, ħielsa, meqjusa u li bl-ebda mod ma kienet forzata jew imġiegħla min-naħa tal-prinċipal, u l-element ta' riżenja *under protest* huwa biss wieħed minn diversi elementi li jikkunsidra t-Tribunal sabiex jasal għall-konklużjoni tiegħu. Is-soċjetà appellata tgħid li t-Tribunal ikkunsidra wkoll għadd ta' fatturi oħra, fosthom li l-ittra ta' riżenja ngħatat mill-appellant madwar sitt xhur wara l-allegat 'ksur' fundamentali tal-kuntratt, u għalhekk hemm nuqqas ta' tempestività fis-sekwenza ta' kif ġraw l-affarijiet; il-kontenut tal-ittra ta' riżenja ma fih l-ebda ħjiel li r-riżenja hija waħda 'forzata'; l-appellant ma għamilx ilment jew *grievance* formali kif kellu kull dritt jagħmel skont it-termini tal-ftehim kollettiv; u t-Tribunal ikkonkluda li l-aġir tas-soċjetà intimata ma kienx jammonta għal ksur fundamentali tal-kuntratt. Rigward it-tieni aggravju tal-appellant, is-soċjetà appellata tgħid li l-appelli mid-deċiżjonijiet tat-Tribunal jistgħu jsiru biss fuq punti ta' liġi u dan *ai termini* tal-artikolu 82(3) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta. L-appellata tgħid li din il-Qorti m'għandhiex tieħu konjizzjoni ta' dan l-aggravju li mhux qiegħed isir fuq punt ta' liġi, għalkemm żiedet tgħid li mill-provi jidher ċar li t-Tribunal evalwa l-provi kollha li kellu quddiemu qabel ikkonkluda li din ma kinitx tkeċċija inġusta, iżda deċiżjoni libera tal-appellant. Is-soċjetà appellata tgħid li t-Tribunal evalwa l-imġiba u d-deċiżjoni tagħha f'dan il-każ, u minn imkien ma rriżulta li hija

għamlet xi mezz sabiex timbotta lill-appellant u ġġiegħlu jirriżenja. Is-soċjetà appellata temmet tgħid li kuntrarjament għal dak allegat mill-appellant, hija għamlet minn kollox sabiex tgħinu fis-sitwazzjoni li kien fiha, u saħansitra talbitu jissuġġerixxi x'xogħol kien dispost li jagħmel, u kien l-appellant li baqa' ma wiġibx.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

11. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji tal-appellant flimkien mas-sottomissjonijiet tas-soċjetà appellata, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fid-deċiżjoni appellata.

*L-ewwel aggravju:* *l-element ta' riżenja 'under protest' mhuwiex wieħed neċessarju għal 'constructive dismissal'*

12. L-appellant jgħid li t-Tribunal ma kellux jasal għall-konklużjoni li t-tkeċċija jew ir-riżenja tiegħu mill-impjieg ma kinitx waħda inġusta meta t-Tribunal ikkonkluda li mill-provi ma jirriżultax li l-appellant irriżenja mill-impjieg *under protest.* Jgħid għalhekk li l-konklużjoni tat-Tribunal li huwa rriżenja mill-impjieg b'mod ħieles u liberu meta baqa' ma ngħatax impjieg alternattiv għax-xogħol ta' xufier tal-karozzi tal-linja, hija waħda żbaljata għaliex mill-provi għandu jirriżulta li huwa nġieb f'sitwazzjoni fejn spiċċa dahru mal-ħajt, u ma kellu l-ebda alternattiva għajr li jirriżenja mill-impjieg, anki

sabiex ma jibqax marbut mas-soċjetà appellata meta ma kien qiegħed jirċievi xi forma ta' ħlas. L-appellant jgħid li t-Tribunal ma kienx korrett sa fejn dan ikkonkluda li l-uniku element li jwassal għall-konklużjoni li hemm każ ta' *constructive dismissal,* huwa jekk l-impjegat ikun irriżenja *under protest.*

13. Il-Qorti tqis li huwa minnu li t-Tribunal ibbaża l-konklużjonijiet tiegħu fuq il-fatt li l-appellant imkien ma indika li huwa kien qiegħed jirriżenja mill-impjieg *under protest.* Madanakollu jirriżulta wkoll li t-Tribunal qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ qabel wasal għall-konklużjoni li mill-assjem tal-provi ma jirriżultax li kien hemm *constructive dismissal.* Il-Qorti tqis li filwaqt li riżenja *under protest* hija wieħed mill-elementi li jsawru l-*constructive dismissal*, madanakollu m'hemmx il-ħtieġa li persuna tispeċifika li tkun qiegħda tirriżenja *under protest,* iżda huwa biżżejjed li turi li hemm nuqqasijiet li jaħti għalihom il-prinċipal, li ma jħallu l-ebda triq oħra lill-impjegat għajr li jitlaq mill-impjieg. Il-Qorti tqis li l-appellant kien ilu impjegat mas-soċjetà appellata bħala xufier għal numru ta' snin, u li dan kien kostrett jitlaq mill-impjieg wara li jum fost l-oħrajn sofra *epileptic fit,* u ngħata parir mediku li ma jibqax isuq għal żmien indefinit, għaliex il-kundizzjoni medika li kellu setgħet toħloq periklu għalih u għall-passiġġiera. L-appellant għamel talba permezz tal-*union* tiegħu sabiex jingħata impjieg alternattiv mal-istess kumpannija li kien jaħdem magħha, u dan sabiex ikun jista' jibqa' fuq il-kotba tal-kumpannija u jdaħħal paga, anki jekk ikun qiegħed jagħmel xogħol li ma jinvolvix is-sewqan tal-karozzi tal-linja. Is-soċjetà intimata naqset milli tidentifika xogħol alternattiv li seta' jsir mill-

appellant, għalkemm talbet lill-appellant jissuġġerixxi x'xogħol alternattiv seta' jagħmel fid-dawl taċ-ċirkostanzi ta' saħħtu u tal-abbiltajiet tiegħu. Jirriżulta li l-appellant qatt m'għamel talba formali sabiex jingħata impjieg alternattiv u straħ biss fuq ir-rappreżentazzjonijiet li għamlet f'ismu l-*union* tiegħu. Jirriżulta wkoll li meta kien hemm *vacancies* tax-xogħol mal-istess soċjetà intimata, li ġew infurmati bihom l-impjegati tal-kumpannija minħabba li twaħħlu fuq in-*notice board* fejn kienu jirrappurtaw għax-xogħol il-ħaddiema tal-kumpannija*,* l-appellant naqas milli japplika għal tali *vacancies*, u għalhekk ma pparteċipax b'mod attiv fil-proċess li permezz tiegħu seta' jsib xogħol alternattiv mal-istess kumpannija. Mill-provi jirriżulta li l-appellant ma attakkax il-proċess tal-għażla tal-persuni li mlew il-pożizzjonijiet li huwa jgħid li setgħu faċilment jimtlew minnu, u minflok jirriżulta li huwa straħ biss fuq ir-rappreżentazzjonijiet li għamlet f'ismu l-*union* tiegħu. Jirriżulta wkoll li minkejja li huwa ddeċieda li jirriżenja mill-impjieg li kellu mas-soċjetà intimata, din xorta waħda baqgħet toffrilu l-possibilità li jirritorna lura fl-impjieg f'każ li f'xi data futura l-kundizzjoni ta' saħħtu titjieb u tkun tippermettilu li huwa jkun jista' jsuq il-karozza tal-linja. Il-Qorti fehmet id-diffikultajiet li kellha s-soċjetà appellata sabiex minn *pool* ta' ħamsa u erbgħin (45) ħaddiem, u b'operat limitat bħalma huwa dak f'Għawdex, jiġi identifikat xogħol li seta' jsir mill-appellant u li ma jkunx jinvolvi s-sewqan. Evidentement tali pożizzjonijiet mas-soċjetà appellata kienu jinvolvu l-ħruġ ta' sejħa għall-applikazzjonijiet minn kull min seta' kien interessat fil-mili ta' dawn il-pożizzjonijiet. Kien għalhekk mill-aktar impellenti li l-appellant jirsisti u jagħmel dak kollu possibbli sabiex jidentifika hu x-xogħol

alternattiv li seta' jsir minnu, u sabiex japplika għall-*vacancies* kollha li ħarġu, anki jekk jirriżulta li dawn ħarġu wara li huwa temm l-impjieg tiegħu mas-soċjetà appellata, ladarba din uriet id-dispożizzjoni li tieħu lill-appellant lura fuq il-kotba tagħha f'każ li dan ikun jista' jerġa' jsuq. Minn dan kollu l-appellant m'għamel xejn, u minflok stenna għal għadd ta' xhur sabiex jara jekk kienx ser ikun hemm offerta ta' impjieg alternattiv min-naħa tas-soċjetà appellata, u meta ra li dan l-impjieg alternattiv baqa' ma ngħatalux, huwa ddeċieda li jirriżenja mill-impjieg, anki sabiex ikun jista' jibbenefika mill-benefiċċji soċjali li kien intitolat għalihom.

14. Il-Qorti sejra tagħmel riferiment għal diversi deċiżjonijiet iċċitati fis-sentenza fl-ismijiet **Carmel Mallia u Finesse Limited *vs.* Ilona Galea**[2], dwar il-kunċett ta' *constructive dismissal:*

> "Il-liġi Maltija ma tagħtix definizzjoni ta' *constructive dismissal.* Madanakollu l-Qorti u t-Tribunal Industrijali fl-interpretazzjoni tagħhom ibbażaw ruħhom fuq il-liġi Ingliża sabiex taw definizzjoni ta' dan il-kunċett. Hekk per eżempju il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha tas-7 ta' Lulju 2003, fil-kawża fl-ismijiet **Carmel sive Lino Farrugia *vs* Alexandra Palace Hotel,** qalet li:
>
> > "Ir-riżenja minn impjieg għal raġunijiet li għalihom jaħti dak li jagħti x-xogħol titqies b'interpretazzjoni bħallikieku kienet tkeċċija."
>
> Fis-sentenza **Lorenza Cascun *vs* Healthcare Services Ltd** tas-6 ta' Marzu 2008, il-Prim Awla qalet:

[2] Qorti tal-Appell (Inferjuri), 23.10.2018.

> "Illi l-liġi tagħna tagħraf illum il-ġurnata dik is-sitwazzjoni fejn impjegat jitqiegħed f'pożizzjoni li fiha ma jitħalliex aktar jaħdem f'ambjent xieraq li bih jista' jwettaq sewwa x-xogħol li jingħata jagħmel. Dan iwassal għal sitwazzjoni fejn l-istess impjegat ma jkunx jiflaħ iżjed għall-pressjonijiet li jintefgħu fuqu u jiġi f'qagħda li ma jkunx fadallu triq oħra għajr li jtemm l-impjieg tiegħu. **Dan huwa l-każ klassiku ta' riżenja li minn barra tidher tkeċċija**."

Iktar riċentement fil-kawża fl-ismijiet **Lufthansa Teknik Malta Ltd *vs* Ramon Caruana**, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati fis-7 ta' Mejju 2014, intqal:

> "Mhuwiex faċli li wieħed jipprova *constructive dismissal* u dan peress li l-impjegat jitlaq hu minn fuq il-post tax-xogħol, u ma jiġix formalment imkeċċi mill-post tax-xogħol b'mod inekwivoku mill-prinċipal, iżda a kawża ta' aġir negattiv u dispreġattiv tal-istess prinċipal.
>
> Ikun hemm lok ta' *constructive dismissal* meta l-impjegat ikun imġiegħel jirriżenja mix-xogħol tiegħu minħabba ċirkostanzi ta' natura negattiva fuq il-lant tax-xogħol u/jew ikun hemm xi ksur fundamentali tal-kundizzjonijiet fil-kuntratt ta' impjieg.
>
> Irid jiġi ppruvat li hemm ksur fundamentali tal-kundizzjonijiet fil-kuntratt ta' impjieg, b'kundizzjonijiet li jġiegħlu lill-impjegat jitlaq u jirriżenja mill-post tax-xogħol tiegħu.
>
> Infatti, *the duty to maintain trust and confidence means that an employer must not, by his conduct, destroy or seriously damage the relationship of mutual trust and confidence between the parties.*[3] Dan jinkludi wkoll il-fatt li l-prinċipal ma jiħux bis-serjetà xi lmenti da parti tal-impjegati tiegħu.
>
> Wieħed jista' jiċċita wkoll il-kawża fl-ismijiet **Morrow vs Safeway Stores** (2002), IRLR 9 fejn l-*Employment Appeal Tribunal* Ingliż qalet li: "*If there has been conduct by the employer likely to destroy or seriously damage the trust and confidence relationship this will mean, inevitably, that there has been a fundamental breach going to the root of the contract and entitling the employee to resign and claim constructive dismissal. No distinction can be made between degrees of seriousness of the breach of this implied term".*"

[3] Bracebridge Engineering Ltd *vs* Darby (1990), IRLR 3.

15. Din il-Qorti hija tal-fehma li filwaqt li riżenja *under protest* mhijiex l-uniku fattur li jwassal għall-konklużjoni li jkun hemm każ ta' *constructive dismissal*, madanakollu fiċ-ċirkostanzi li wasslu għall-vertenza odjerna, xorta ma jirriżultax li kien hemm il-*constructive dismissal* tal-appellant. Il-Qorti kkonsidrat li l-appellant irriżenja minn jeddu, anki kontra l-pariri li ngħata fost l-oħrajn mill-Kummissjoni għall-Persuni b'Diżabilità, meta ma riedx jistenna aktar lis-soċjetà appellata tipproponi xogħol alternattiv għalih, u dan għaliex għal għadd ta' xhur l-appellant sab ruħu f'sitwazzjoni fejn ma kellu l-ebda introjtu. Filwaqt li l-Qorti tifhem id-diffikultajiet li l-problemi ta' saħħa li feġġew b'mod mhux mistenni ħolqu lill-familja tal-appellant, fl-istess ħin ma tistax ma tirrimarkax li l-imġiba tal-appellant ma kinitx waħda kompatibbli ma' persuna li qiegħda tagħmel l-almu tagħha sabiex tingħata impjieg alternattiv jew almenu turi interess fil-*vacancies* li ħarġu. Li kieku l-appellant imqar applika għal tali *vacancies* u ma ntgħażilx għal xi waħda minnhom, kien ikollu każ b'saħħtu fejn ikun jista' jattakka l-għażliet tas-soċjetà appellata, li kienet tkun linja ta' azzjoni ferm aktar utli għall-appellant, milli jtella' jixhdu quddiem it-Tribunal lill-persuni li ntgħażlu, biex jgħidu xi kwalifiki akkademiċi għandhom. Is-soċjetà appellata ma kellha l-ebda obbligu li toħloq xi *vacancy* ġdida sabiex timtela mill-appellant, u lanqas ma setgħet tipproponi lill-appellant għal xi waħda mill-*vacancies* li sussegwentement imtlew mill-persuni li applikaw għalihom. L-appellant lanqas interess japplika għal dawn il-*vacancies* ma wera. Huwa għalhekk li l-Qorti qiegħda tqis li mill-provi prodotti, ma jirriżultax li l-aġir tas-soċjetà appellata, li baqgħet disposta li tagħti xogħol

lill-appellant f'każ li saħħtu tkun tippermettilu li jerġa' jmur jaħdem magħha, jammonta għal tkeċċija inġusta, u s-soċjetà appellata m'għandha l-ebda ħtija li trid twieġeb għaliha għar-rigward tar-riżenja tal-appellant mill-impjieg.

Għaldaqstant din il-Qorti ssib li dan l-aggravju tal-appellant mhux ġustifikat u tiċħdu.

*It-tieni aggravju:* *mill-imġiba tal-appellant kellu jiġi deżunt li dan irriżenja 'under protest', għaliex ir-riżenja tiegħu kienet waħda sfurzata għal raġunijiet imputabbli lill-appellanta*

16. It-tieni aggravju tal-appellant huwa dwar in-nuqqas ta' konsiderazzjoni mit-Tribunal tal-imġiba tiegħu. L-appellant isostni li kieku kkunsidra l-imġiba tiegħu, it-Tribunal kien jasal għall-konklużjoni li huwa rriżenja mill-impjieg *under protest*, u li hu kien sfurzat jirriżenja minħabba l-mod kif imxiet miegħu s-soċjetà appellata. L-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali jistipula fl-artikolu 82(3) tiegħu li f'każijiet ta' tkeċċija mingħajr kawża ġusta u f'każijiet li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal skont l-artikolu 75(1)(a) u (b), l-appell jista' jsir biss fuq punt ta' liġi. Meta l-appellant talab lil din il-Qorti tagħti l-ġudizzju tagħha dwar jekk it-Tribunal analizzax sew l-imġiba tiegħu abbażi tal-provi prodotti, u sabiex jiddeċiedi dwar jekk l-imġiba tal-appellant fix-xhur li wasslu għar-riżenja tiegħu mill-impjieg kinitx tammonta għal imġiba ta' persuna li qiegħda taġixxi *'under protest'*, evidentement huwa qiegħed

jistieden lill-Qorti tanalizza punt ta' fatt u mhux punt ta' liġi. Fi kwalunkwe każ din il-Qorti diġà ppronunzjat ruħha mhux biss dwar jekk f'dan il-każ kienx meħtieġ li l-appellant juri li qiegħed jirriżenja '*under protest',* iżda anki dwar il-fatti kollha li wasslu lill-appellant biex jagħti r-riżenja tiegħu, u jekk dakollu kienx jammonta għal *constructive dismissal* jew le.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti ssib li dan l-aggravju tal-appellant ukoll mhux ġustifikat u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi tiċħad l-aggravji mressqa mill-appellant, u b'hekk tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal jibqgħu kif deċiżi fid-deċiżjoni appellata u dawk ta' din l-istanza għandhom jitħallsu mill-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**